V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Programm ta' tagħlim tul il-ħajja – Sejħa speċifika għal proposti – Il-mobilità tal-istudenti individwali Comenius

(DĠ EAC/38/2010)

(2010/C 236/06)

Jekk jogħġbok innota li l-implimentazzjoni ta' din is-sejħa għall-proposti hija soġġetta:

(i) għall-adozzjoni ta' approprjazzjonijiet tal-baġit Komunitarju għall-2011 mill-awtorità baġitarja; u

(ii) għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-2011 għall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja tad-Direttorat Ġenerali tagħha għall-Edukazzjoni u l-Kultura.

1. Għanijiet u deskrizzjoni

L-azzjoni tal-Mobilità tal-Istudenti Individwali Comenius tippermetti lill-istudenti tal-iskola sekondarja jqattgħu minn 3 sa 10 xhur fi skola ospitanti u ma' familja ospitanti f'pajjiż barrani. Il-mobilità tal-istudenti hija organizzata bejn l-iskejjel involuti fl-istess Sħubija tal-Iskejjel Comenius. L-azzjoni tal-Mobilità tal-Istudenti Individwali Comenius hija bbażata fuq id-Deċiżjoni dwar il-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja (PTTĦ) li tkopri l-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013. L-għanijiet speċifiċi tal-PTTĦ huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni ([1]).

2. L-applikanti eliġibbli

L-iskejjel li huma jew kienu fil-passat involuti fi Sħubija tal-Iskejjel Comenius huma eliġibbli għall-azzjoni tal-Mobilità tal-Istudenti Comenius tal-PTTĦ. L-iskejjel kollha li qegħdin jieħdu sehem għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Finlandja, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Isvezja, in-Norveġja.

3. Il-baġit u t-tul tal-proġetti

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa huwa stmat għal EUR 3,4 miljun.

Il-livell ta' għotjiet li għandhom jingħataw kif ukoll it-tul tal-mobilità jvarjaw skont il-pajjiżi u l-iskejjel li jorganizzaw il-mobilità tal-istudent.

4. Id-data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet għall-Mobilità tal-Istudenti Individwali Comenius hija l-1 ta' Diċembru 2010.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:EN:PDF u d-Deċiżjoni Nru 1357/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE: http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:350:0056:0057:EN:PDF

5. **Id-dettalji kollha**

L-informazzjoni dwar il-Mobilità tal-Istudenti Individwali Comenius hija mogħtija fil-Gwida tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja tal-2011 li tista' tinstab fl-indirizz tal-internet li ġej:

http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-programme/doc78_en.htm (minn "How to participate")

L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu fuq il-formoli pprovduti mill-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż fejn l-applikant huwa stabbilit. Il-lista ta' Aġenziji Nazzjonali tista' tinstab fuq http://ec.europa.eu/education/programmes/llp/national_en.html